MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 335/2004

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ippremettiet u talbet hekk: li l-partijiet izzewgu fil-25 ta' Frar 1995, u matul iz-zwieg kellhom zewgt itfal, Christine B li twieldet fit-22 ta' Frar 1998, u Jake Buttigeg li twieled fl-20 ta' Lulju 2003; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni sabiex tressaq l-istanza odjerna; li l-konvenut "irrenda ruhu hati fil-konfront ta' l-attrici ta' eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi, u l-hajja flimkien m'ghadhiex aktar possibbli minhabba li z-zwieg kisser irrimedjabbilment bi htija esklussiva tal-konvenut; ghalhekk l-istess konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex, previa kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-istess konvenut.

2. Tassenja lill-attrici l-kura u kustodja tal-imsemmija minuri Christine B u Jake B.

3. Tikkundannah ihallas retta alimentari lill-attrici ghaliha u ghall-imsemmija minuri Christine B u Jake B, li tigi stabbilita minn din il-Qorti b' dawk il-modalitajiet li jigu wkoll stabbiliti;

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f' zewg porzjonijiet u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma.

5. Tikkundannah sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha parafernali inkluzi flus, u krediti ohra, u fin-nuqqas, jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominand.

6. Tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli tmienja u erbghin (48), wiehed u hamsin (51), tnejn u hamsin (52) u tlieta u hamsin (53) tal-Kodici Civili.

7. Tawtorizza lill-attrici sabiex flimkien mal-minuri Christine u Jake ahwa B, tirrisjedi fid-dar matrimonjali "Madonna tal-Grazzja", Triq Villabate, Zabbar, bl-eskluzjoni tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa: li l-htija tl-firda hija dovuta esklussivament ghall-adulterju ta' l-attrici; li rigward it-tieni talba, il-konvenut jirrileva li l-ewwel wild mhijiex it-tifla naturali tal-konvenut, filwaqt li l-

attrici opponiet li jsir it-test genetiku fil-konfront tat-tieni wild, u t-tielet wild twieled wara s-separazzjoni de facto; li t-tielet talba attrici mhijiex gustifikata; li rigward ir-raba' talba, jinghad li hemm lok ghall-applikazzjoni fil-kontront ta' l-attrici adultera tad-dispozizzjonijet tal-ligi relattivi, u ghalhekk mhijiex sostenibbli t-talba taghha biex il-komunjoni tal-akkwisti tigi diviza f' zewg porzjonijiet [ugwali] li jigu assenjati rispettivament lill-partijiet; li l-hames, is-sitt u s-seba' talbiet mhumiex sostenibbli;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukatessa Dottor Ramona Frendo;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati, id-dikjarazzjonijiet guramentati u l-listi tax-xhieda;

Rat is-sentenza moghtija llum fil-kawza numru 273/04 fl-ismijiet "C B vs A B"

Rat id-digriet moghti fit-2 ta' Gunju 2005 sabiex il-kawza odjerna u dik numru 273/04 jinstemghu kontestwalment, b' dan li jigu segwiti l-gbir tal-provi gja migbura f' din l-ahhar kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta imputabbli unikament lill-konvenut; kif ukoll sabiex din il-Qorti tillikwida l-effetti konsegwenzjali gha-separazzjoni. Minn naha tieghu l-konvenut qed jattibwixxi l-htija tal-firda esklussivament lill-attrici minhabba l-adulterju kommess minnha.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti minnha fis-sentenza fuq indikata, u taddattahom fl-intier taghhom.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba limitatament billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, izda bi htija esklussiva ta' l-attrici;
[2] tilqa' t-tieni talba;
[3] tichad it-tielet talba;
[4] tilqa' ir-raba' talba fis-sens gja' deciz fis-sentenza fuq citata;
[5] tilqa' l-hames talba fis-sens gja deciz fis-sentenza fuq citata;
[6] tichad is-sitt talba;
[7] tichad is-seba' talba;

Spejjez a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------